



Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

6310/23

CDR 36

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika tas-Slovenja, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tal-10 ta' Jannar 2023¹, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat li abbażi tiegħu s-Sa Jasna GABRIČ ġiet proposta għall-ħatra u nhatre.
2. Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Tine RADINJA u tas-Sur Tomaž ROŽEN bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1678 tas-26 ta' Settembru 2022², saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti.
3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

¹ 5363/23.

² ĠU L 252, 30.9.2022, p. 70.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, il-Gvern Sloven ippropoġna³ l-ħatra tas-Sa Jasna GABRIČ abbażi ta' mandat elettorali ta' awtorità lokali differenti, *članica občinskega sveta, Občina Trbovlje* (membru tal-kunsill muniċipali, Muniċipalità ta' Trbovlje), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
5. Barra minn hekk, il-Gvern Sloven ippropoġna lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Marko DIACI, *župan, Občina Šentjur* (Sindku, Muniċipalità ta' Sentjur), u s-Sur Nejc SMOLE, *župan, Občina Medvode* (Sindku, Muniċipalità ta' Medvode).
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni huwa għalhekk mistiedien jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 6309/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.

³ 6232/23.